Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 913/2003

**Borg Cold Stores Limited**

**vs**

**Venille Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju 2003, fejn gie mitlub illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u sittax il-lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1316.95) rapprezentanti kiri ta' vann u servizzi ta' 'cold storage' moghtija lis-socjeta' konvenuta skond il-prospett immarkat bhala Dok. A.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali mibghuta fit-2 ta' April 2003 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u sittax il-lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1316.95), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------